**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Brian (Brian-Mario) Sciberras**

Numru 56/2009

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Brian (Brian-Mario Sciberras)**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Peter Paul u Maria neé Bugeja, imwieled Pietà, nhar il-25 ta' Ottubru 1976, residenti fil-fond numru 2, Triq Zenqa, Rabat, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 63176(M), akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu 2009 gewwa Victoria (Ghawdex) ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (01:00hrs):

1. ghamel hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Tony Muscat;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Toni Muscat f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi skont ma ccertifika Dr. C. Grech MD.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM" – *a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 19).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 106).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 109).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 111), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 112), fejn il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza zmien f'liema zmien huma kellhom jipprezentaw is-sottomissjonijiet finali taghhom bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tal-imputat (*a fol.* 115 *et seq.*), liema Nota giet prezentata qabel il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* pprezentaw in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghhom.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat illi l-*parte civile* baqghet ma pprezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fiz-zmien indikat fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 112).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009, l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** ipprezenta numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "A" sa "H" (*a fol.* 7 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2009, xehed **PS 1407 Frank Portelli** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn ikkonferma ir-rapport redatt minnu, liema rapport jinsab immarkat bhala Dok. "H" (*a fol.* 15 *et seq.*). Wara li ra dokumenti mmarkati bhala Dok. "B" sa "D" (*a fol.* 8 *et seq.*), ikkonferma li dawn gew mghoddija lilu u hu ghaddiehom lill-iSpettur.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 64 *et seq.*), jghid li kienet Dorianne Sciberras li kienet marret taghmel rapport. Jghid li missier u hu Dorianne kienu marru l-Ghassa tal-Pulizija wkoll. Jixhed li l-imputat ma qallux li kellu xi griehi. Mir-rapport (Dok. "H" – *a fol.* 15 *et seq.*) redatt minnu jaqra: *"Mar in-naha tal-passiggier biex jipprova jiftah il-bieba tal-karozza u ma setax. Jiena mort in-naha tax-xufier biex niftah u kienet maghluqa wkoll. Ghidnielu biex jiftah halli tohrog Dorianne u ma fetahx. U f'hin minnhom gbidtlu l-bieba, gbidtlu l-hgiega 'l isfel ghax kienet imbexxqa"* (*a fol.* 67). Jghid li ma ghandux miktub li l-imputat qallu li huwa kien jimpurtah minn ohtu u mhux minnu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2010, xehed **Dr. Coronato Grech** (*a fol.* 27) fejn ikkonferma ic-certifikati medici rilaxxati minnu, liema certifikati jinsabu mmarkati bhala Dok. "A" u "B" (*a fol.* 7 u 8). Jixhed li fit-18 ta' Marzu 2009 huwa ezamina lil Tony Muscat fejn irrizultalu li Muscat kellu tbengiela fuq ghajnu u kif ukoll abrazjoni

superficjali fuq idu tan-naha tal-lemin. Ikklassifika l-griehi sofferti minn Muscat bhala griehi ta' natura hafifa.

**Dr. Coronato Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Frar 2012 (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn xehed dak li kien diga xehed fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2010.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2010, xehed il-kwerelant **Anthony Muscat** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut, wara li kien mar *barbeque*, certu Victoria mix-Xaghra kienet qaltlu li hi u certu Dorianne kienu marru c-Cirkewwa jiltaqghu ma' xi hbieb. Jghid li Victoria qaltlu biex ma jghidx liz-ziju taghha, li beda jinkwieta fejn kienet. Jixhed li wara xi hin Victoria waslet Ghawdex, cemplitilha ommha u qaltilha li missierha ma kienx jinsab tajjeb u Victoria qabdet il-vettura u telqet. Jixhed li Dorianne u hu baqghu jixorbu u f'hin minnhom, wara li Dorianne xorbot sew, *"bdiet titbellah u tizfen […]. [..G]ie wiehed mix-Xaghra, […] u bdiet titbellah mieghu, tizfen mieghu, tghannqu, qisha qed taghmel strip tease"* (*a fol.* 35). Jghid li minkejja li beda jghid lil Dorianne biex jitilqu, hi ma riditix ticcaqlaq. Jghid li telqu u meta waslu fejn it-*traffic lights* fix-Xewkija, Dorianne bdiet tghannqu u tbusu. Jghid li Dorianne bdiet tghidlu li ma riditx tmur id-dar. Baqa' jsuq u meta waqaf vicin id-dar ta' Dorianne, nezghet, intelqet fuqu u ftit minuti wara waslet vettura ma' genbhom li fiha kien hemm hu u missier Dorianne. Jghid li mentri missier Dorianne mar fejn in-naha ta' fejn kienet Dorianne, hu Dorianne, l-imputat, qabdu minn xaghru u beda jaghtih bil-ponn go rasu. Jghid: *"fid-daqqa u l-hin bdejt ningibidlu hekk kien ghall-genb, biex ma jaqbadx, niskapula d-daqqiet hu, u ta salt il-hgiega tal-karrozza darbtejn, hekk. Ma kissierhiex; rega' qabad itini, qabadni mix-xaghar u jtini bil-ponn go rasi. X'hin dillu (sic) rega' ta salt, hekk, bil-qawwi hafna, il-hgiega; il-hgiega giet trab"* (*a fol.* 35). Jghid li Dorianne ma kienitx ghadha ma genbu u rnexxielu jirriversja u jitlaq minn fuq il-post. Gie muri stima mmarkata bhala Dok. "D" (*a fol.* 10). Mistoqsi jghid jekk ghamilx it-tiswijiet fil-vettura, wiegeb li mhux kollox. Ezebixxa rcevuta tal-mutur li biha titla' l-hgiega, liema rcevuta giet mmarkata bhala Dok. "AM 1" (*a fol.* 39). Jghid li fadallu jaghti l-i*spray* lill-bieba li spiccat ntlewiet peress li giet migbuda l-barra. Ikkonferma li l-griehi li sofra jidhru f'ritratti mmarkati bhala Dok. "E" u "F" (*a fol.* 11). Ikkonferma

wkoll li gew rilaxxati fil-konfront tieghu c-certifikati medici li jinsabu mmarkati bhala Dok. "A" sa "C" (*a fol.* 7 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2010, xehed ukoll **Joseph Camilleri** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn ikkonferma l-istima li giet rilaxxata minnu, liema stima tinsab immarkata bhala Dok. "D" (*a fol.* 10). Jghid li din l-istima kien ghamilha ghall-kwerelant Muscat. Tul id-depozizzjoni tieghu spjega xi hsarat kellha fiha l-vettura ta' Muscat. Jghid li l-ammont ta' tlitt mija u hamsin Euro (€350.00) jinkludi fih l-*parts* ukoll. Jghid li l-*winder* saret wara. Jghid li l-ammont li jidher fl-istima tieghu jinkludi fih il-VAT. Jghid li barra l-*winder*, l-ammont jigi dak ta' tlitt mija u hamsin Euro (€350.00). Mistoqsi jispjega fiex kien jikkonsisti x-xoghol li kien ghamel sa issa wiegeb li xoghol sar biss fuq il-hgiega u l-*winder*. Jghid li d-daqqa kien ghadu ma tellaghhiex u anqas zebgha ma kien ghadu ghamel.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012, xehed **Dr. Ivan Vella** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu, liema certifikat jinsab immarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 9). Jixhed li kklassifika l-griehi sofferti mill-kwerelant Muscat bhala griehi ta' natura hafifa. Jghid li Muscat kien qallu li kellu jew sofra daqqa ta' ponn madwar ghajnejh tax-xellug u rrizultalu li dawn kienu kompatibbli ma' daqqa ta' ponn.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 (*a fol.* 61), il-Qorti diversament preseduta ddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni bhala maghluqa.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 62), il-*parte civile* ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2013, xehed l-imputat **Brian Sciberras** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn beda billi qal li Dorianne tigi ohtu u li dakinhar tal-akkadut, missieru u hu ddecidew li jmorru jfittxu lil Dorianne peress li ma kienitx ghadha rritornat id-dar. Jghid li tul it-triq ra l-vettura tal-kwerelant Muscat u fiha ra lil ohtu tibki. Jghid li missieru u hu nizlu mill-vettura u resqu fejn il-vettura li fiha kien hemm Muscat u ohtu Dorianne u ra lil Dorianne tibki u sema' lil Dorianne tghid lil Muscat biex jifthilha u hu xorta wahda ma fethilhiex. Jghid li missieru u hu bdew iduru mal-vettura u

minkejja li bdew jghidu lil Muscat biex jiftah, dan ma fetahx. Jghid li meta hu (Sciberras) ra li kien hemm it-tieqa ftit miftuha, dahhal idu, ipprova jaqla' c-cavetta, Muscat tellaghlu t-tieqa fuq spalltu, huwa (l-imputat) sforza b'idu l-ohra u l-hgiega nkisret. Jghid li ohtu harget mill-vettura u Muscat telaq minn fuq il-post. Jghid li marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Ezebixxa certifikat mediku tal-griehu li sofra, liema certifikat gie esebit u mmarkat bhala Dok. "BS" (*a fol.* 84). Jghid li r-rapport ma ghamlux hu pero ghamlitu ohtu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa gibed il-hadida mal-bieba sabiex ikun jista' johrog idu. Mistoqsi jghid jekk rax xi griehi fuq il-persuna ta' Muscat, wiegeb: *"Jien tajtu xi daqqtejn, mhux ha nghid li ma tajtux, ghax jiena x'hin bdejt narah fuqha – ma jistax. Ahna bdejna nitolbuh, "Iftah u ma jigri xejn""* (*a fol.* 74). Jghid li dan gara qabel inkisret il-hgiega. Jispjega li lil Muscat qabadlu xaghru u tah daqqiet f'rasu. Jghid li ma kellu ebda intenzjoni li jkisser il-hgiega tal-vettura ta' Muscat. Jghid li huwa ried johrog idu u lil ohtu li bdiet tibki ghax il-vettura kienet maghluqa. Jghid li lil Muscat bdew jghidulu biex jiftah ghax huma ma kellhomx x'jaqsmu xejn mieghu pero ma' ohtu. Jghid li ohtu ma kellha ebda griehi. Jghid li Muscat telaq hekk kif inkisret il-hgiega.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013, id-difiza ezebiet sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dorianne Sciberras** (12/2009) deciza fid-9 ta' Mejju 2013, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "SG" (*a fol.* 86 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2013, xehdet **Dorianne Sciberras** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija oht l-imputat u li dakinhar tal-akkadut hadet *lift* ghad-dar mal-kwerelant Muscat. Tghid li qabel waslu d-dar taghha, Muscat waqaf bil-vettura u qalilha biex joqghodu ftit hemmhekk u hi ma riditx ghax riedet tmur id-dar. Tghid li ddecidiet li tohrog mill-vettura pero l-bieba ma nfethitx. Tispjega li Muscat tfieghlha l-*mobile* u f'hin minnhom Muscat nizzlilha ftit il-qalziet, ipprova jitla' fuqha, hi bdiet tghidlu biex ihallieha, u xi hin wara marru missierha u huha. Tispjega li l-bibien ma setghux jinfethu u huha l-imputat beda jghid lil Muscat biex ihallieha tohrog ghax huma ma kellhomx x'jaqsmu mieghu pero

maghha. Tghid li Muscat ma riedx u huha l-imputat dahhal idu mit-tieqa, Muscat ghalaqlu idu, u huha beda jipprova jnehhi idu mbaghad infaqghet it-tieqa. Tispjega li Muscat startja l-vettura, hi fethet u harget mill-vettura. Tghid li baqghet sejra taghmel rapport u li maghha kien hemm huha u missierha.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li huha u missierha kienu sejrin ifittxuha. Tghid li huha habat ghal Muscat biex jipprotegi lilu nnifsu. Tixhed li meta rat li huha kellu jdejh maghluqa, rat lil huha jissara.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014 (*a fol.* 102), il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* ezentaw lid-difiza milli tressaq lil Dr. Michael Refalo sabiex jikkonferma c-certifikat mediku ezebit bhala Dok. "BS" (*a fol.* 84). *Da parte* taghha, id-difiza ddikjarat li fl-ebda hin ma saret allegazzjoni minn naha taghha li dawn il-griehi gew kagunati direttament mill-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "G" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud, liema stqarrija giet rilaxxata fi zmien meta persuna arrestata ma kellhiex dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat, l-imputat spjega l-affarijiet kif xehed quddiem il-Qorti meta ta d-depozizzjoni tieghu. Jghid ukoll: *"Jiena ipparkjat fejnu, u minn seat tieghi tax-xufier stajt nara idejn il-fuq id-dar tas-seat tal-passiggier mindut, u lil xufier gharkupptejh fuqha, wiccu jhares lejn wiccha"* (*a fol.* 13). Mistoqsi jghid jekk hux minnu li qabel ma gara l-akkadut mertu tal-kaz odjern huwa ma kienx iqies lil Muscat b'ghajn tajba, wiegeb: *"Jien personali tieghi ma joghgobniex. Jien dak naf hafna stejjer fuqu"* (*a fol.* 14).

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat qed jigi akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: filwaqt li taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara fil-konfront tal-kwerelant, taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat huwa akkuzat li kkawza griehi ta' natura gravi fil-konfront tal-istess kwerelant.

Illi qabel il-Qorti tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti tinnota li filwaqt li Dorianne Sciberras (oht l-imputat – li kienet fil-vettura tal-kwerelant) tghid li l-kwerelant sakkar il-vettura li kienu fiha hi u l-kwerelant u ma hallihiex tinzel mill-vettura, il-kwerelant jghid li Dorianne Sciberras bdiet tinza' fil-vettura u ntelqet fuqu. Jirrizulta wkoll li fuq il-post fejn kienu weqfin fil-vettura Dorianne Sciberras u l-kwerelant Muscat waslu missier Dorianne Sciberras u huha l-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li l-vettura li fiha kien hemm il-kwerelant u Dorianne Sciberras kienet imsakkra fil-hin li kien hemm fuq il-post l-imputat u missieru. Jekk din gietx imsakkra fil-mument li waslu l-imputat u missieru jew jekk kienitx imsakkra qabel waslu ma jirrizultax car. Il-Qorti tifhem li l-vettura kienet imsakkra fil-mument li kien hemm fuq il-post l-imputat u missieru jduru mal-vettura peress li altrimenti l-imputat ma kienx jittenta jdahhal idejh mit-tieqa tal-vettura.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hsara ghad-detriment tal-kwerelant Muscat)</u>**:
Illi l-Qorti tista' tifhem li filwaqt li l-kwerelant setgha kien bezghan meta gie affacjat f'sitwazzjoni fejn gol-vettura kien hemm Dorianne Sciberras u jduru mal-vettura kien hemm missierha u huha, tista' tifhem ukoll li l-imputat beda jara lill-ohtu u lill-kwerelant fil-vettura tal-kwerelant. Il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jkun li l-kwerelant jinghad li sakkar il-vettura tieghu u mbaghad jinghad li kellu t-tieqa tal-vettura (anke jekk parti minnha) miftuha. Kien x'kien il-kaz, jibqa' l-fatt li l-imputat ghamel il-hsara fit-tieqa tal-vettura in kwistjoni.

Illi l-Qorti tinnota l-imputat ma huwiex f'pozizzjoni li jinvoka l-legittima difesa. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew

dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, jghid hekk (pagna 104):

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka l-legittima difesa da parte tieghu u dana *stante* li ma jirrizultax li saret

xi difiza da parte tieghu *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq. Il-Qorti tinnota li l-imputat setgha facilment johrog idejh meta ttenda li t-tieqa kienet qed tinghalaq.

B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi misjub hati talli kkwaza hsara fil-vettura tal-kwerelant.

<u>**It-Tieni (2) imputazzjoni**</u>
<u>**(Feriti ta' Natura Gravi fuq il-persuna tal-kwerelant)**</u>:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-kwerelant.

Illi l-Qorti tinnota li fir-rigward tal-griehi sofferti mill-kwerelant jirrizultaw is-segwenti fl-atti processwali:

- Anthony Muscat (*a fol.* 33 *et seq.*) ikkonferma li l-griehi li sofra hu jidhru f'ritratti mmarkati bhala Dok. "E" u "F" (*a fol.* 11).

- Dr. Coronato Grech (*a fol.* 27) ikkonferma ic-certifikati medici rilaxxati minnu, liema certifikati jinsabu mmarkati bhala Dok. "A" u "B" (*a fol.* 7 u 8). Fiz-zewg certifikati hemm indikat li l-griehi soffrti mill-kwerelant kienu griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet.

- Dr. Ivan Vella (*a fol.* 57 *et seq.*) ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu, liema certifikat jinsab immarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 9). Jixhed li kklassifika l-griehi sofferti mill-kwerelant Muscat bhala griehi ta' natura hafifa.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta'

> tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tal-provi prodotti, il-Qorti tinnota li ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-kwerelant u b'hekk l-imputat ma jistghax jigi misjub hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-kwerelant. Minkejja dan, m'hemmx dubju li l-kwerelant sofra offizi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidhrilha li ghandha tinstab htija fl-imputat talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fil-konfront tal-kwerelant bil-konsegwenza tal-agir tal-istess imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ser jigi misjub hati talli kkawza hsarat u kkaguna feriti ta' natura hafifa fil-konfront tal-kwerelant.

Illi, fir-rigward tal-ammont tal-hsarat kagunati mill-imputat ghad-detriment tal-kwerelant, il-Qorti tinnota li l-hsarat kagunati ma gewx kollha msewwija tant li l-kwerelant Muscat jixhed li fadal li jinghata l-i*spray* lill-bieba li ntlewiet. Fl-atti processwali tirrizulta stima (Dok. "D" – *a fol.* 10) fl-ammont ta' tlitt mija u hamsin Euro u erba' centezmi (€350.04) u kif ukoll dokument iehor immarkat bhala Dok. "AM 1" (*a fol.* 39) fl-ammont ta' mija u seba' Euro (€107.00). Filwaqt li x-xhud Joseph Camilleri kkonferma l-istima (Dok. "D" – *a fol.* 10) rilaxxata minnu, Dok. "AM 1" baqa' ma gie konfermat minn hadd.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, l-istat ta' animu li kien fih l-imputat, u kif ukoll il-fatt li ma jirrizultax x'fedina penali ghandu l-imputat, *stante* li din baqghet ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri. Tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq rigward il-hsarat kagunati fil-konfront tal-kwerelant, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni favur il-kwerelant fl-ammont ta' mitejn u hamsa u sebghin Euro (€275.00). Il-Qorti ser taghzel li timponi piena li tikkomprendi ordni ta' hlas.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 215, 221(1) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Brian (Brian-Mario) Sciberras hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll tar-reat minuri kompriz u involut fit-tieni (2) imputazzjoni, u cioé ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kwerelant Muscat u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat Brian (Brian-Mario) Sciberras bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tnax (12) il-xahar mil-lum u tordna li sa zmien xahar millum l-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin Euro (€275.00) lill-kwerelant.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata u jekk ma jhallasx is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin Euro (€275.00) lill-kwerelant fiz-zmien lilu moghti.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront tal-kwerelant.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**